# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 6 ta' Mejju 2002**

**Avviz. numru 261/01**

**Numru 23**

**St. Peter's Developments Limited**

**vs**

**Mario Saliba u Rita Saliba**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx :

1. jizgombraw mill-fond garaxx Numru 5 fi Triq l-Izbark tat-Torok, Qajjenza f'dak it-terminu prefiss minn dina l-Qorti u dan billi l-konvenuti qed jokkupaw l-istess minghajr titolu validu fil-ligi stante wara li l-konvenuti naqsu milli jhallsu zewg skadenzi il-konvenuti gew interpellati mis-socjeta' attrici sabiex jivvakaw l-fond u jirritornaw c-cwievet, izda baqghaw inadempjenti;

2. il-konvenuti ihallsu l-arretrati tal-kera fuq il-fond imsemmi u cioe tlett mitt lira Maltija (Lm300) ghal kull skadenza liema arrettrati jammontaw ghal disa mitt lira Maltija (Lm900) u dan ghal tlett skadenzi li skadew fit-3 ta' Dicembru 1999, fit-2 ta' Gunju 2000 u fit-3 ta' Dicembru 2000;

Bl-ispejjez. Il-konvenuti gew ngunti ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kull ammont ulterjuri li jista' jkun dovut mill-konvenuti skond il-ligi.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess talbiet u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-22 ta' April 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u

1) tordna li l-konvenuti jizgombraw mill-fond garaxx numru 5 fi Triq l-Isbark tat-Torok Qajjenza u dan sas-sitta (6) ta' Gunju 2002;

2) tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm900 bl-imghax legali mit-tlieta (3) ta’ April 2001 sad-data tal-pagmaent effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Deputat Registratur